KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
Città Ferdinand

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi
B'Urġenza

ID-DISA' LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 476 (9-19) b'urġenza

It-Tnejn 11 t'Awwissu 2025 fil-5.00 ta' filgħaxija.

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi li jinsab fl-indirizz 18, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi.

PREŻENTI:

Is-Sindku Julian Borg
Il-Viċi Sindku Ryan Cachia
Il-Kunsillier Christopher Farrugia
Il-Kunsillier Dominic Grech
Il-Kunsillier Albert Pace
Il-Kunsillier Charles Vassallo

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Ritienne Giorgino – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Julian Borg ippreseda l-laqgħa. Hu qal li din il-laqgħa ġiet imsejħa fid-dawl ta' akkużi serji fil-konfront ta' ex-kunsilliera Francine Farrugia u eventwalment ir-riżenja tagħha minn kunsillier lokali tas-Siġġiewi nhar it-8t'Awwissu 2025.

Is-Sindku talab lill-proponent tal-mozzjoni l-Kunsillier Christopher Farrugia jaqra l-mozzjoni.

### 1. Mozzjoni għal talba ta' Audit Report Indipendenti tal-Finanzi tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi fid-dawl tal-każ tal-Kunsilliera Francine Farrugia

Propona l-Kunsillier Christopher Farrugia.
Mozzjoni ssekondata mill-Kunsilliera Dominic Grech u Albert Pace

*Billi fl-aħħar ġranet il-Kunsilliera Francine Farrugia tressqet quddiem il-qorti kriminali b'akkużi serji ta' miżappropjazzjoni u frodi ta' fondi pubbliċi;*

*U billi l-istess Kunsilliera, f'din il-leġiżlatura ta' Kunsill Lokali li bdiet fl-1 ta' Lulju 2024, il-Kunsilliera Francine Farrugia għandha parti mir-responsabiltajiet tad-dekasteru tagħha l-Aġġudikazzjoni tat-Tenders tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi;*

*U billi l-Kunsilliera Francine Farrugia kienet involuta u rrappreżentat lill-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi f'numru ta' safriet għan-nom tal-istess Kunsill Lokali.*

*Għaldaqstant, il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi mlaqqa' llum it-Tnejn 11 ta' Awissu 2025;*
1. *Jirriżolvi li l-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi għandu jordna li jsir immedjatament audit report indipendenti tal-finanzi kollha tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi li jkopru din il-leġiżlatura;*
2. *Jirriżolvi li l-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi għandu jippreżenta waqt din is-seduta l-ittra ta' riżenja ta' Francine Farrugia.*

*Kopja ta' din il-mozzjoni kif approvata għanda tintbgħat lil mezzi kollha tax-xandir f'pajjiżna.*

Il-Kunsillier Christopher Farrugia ta spjega tal-iskop tal-mozzjoni. Hu qal li din il-mozzjoni qed titressaq fid-dawl ta' akkużi serji fil-konfront tal-ex kunsilliera, li rriżenjat wara li inħareġ il-każ.

Is-Sindku qal li jaqbel u jikkundanna kull forma ta' abbuż, serq u misappropriјazzjoni ta' fondi speċjalment jekk huma pubbliċi u jaqbel mal-iskop tal-mozzjoni. Is-Sindku qal li dan il-każ ma jirrigwarda bl-ebda mod il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi, iżda il-post tal-impjieg tal-istess akkużata u fuq dan għaddejja investigazzjoni mill-awtoritajiet ikkonċernati.

Is-Sindku qal li f'din il-leġislatura, jiġifieri mill-1 ta' Lulju 2024 s'issa kien hemm dawn it-tenders li ġew evalwati:

- Tindif Non urban
  fejn Francine Farrugia kienet Chairperson u mhux evalwatur u l-evalwaturi kienu s-Sindku, Christopher Farrugia u Ryan Cachia

- Street Sweeping
  Francine Farrugia ma kinetx membru fil-bord.
  L-evalwaturi kienu s-Sindku, Christopher Farrugia u Ryan Cachia, chairperson Charles Vassallo

- Civil Works
  Francine Farrugia ma kinetx membru fil-bord.
  L-evalwaturi kienu s-Sindku, Christopher Farrugia u Ryan Cachia, chairperson Charles Vassallo

- Public Conveniences –
  Francine Farrugia ma kinetx membru fil-bord.
  L-evalwaturi kienu s-Sindku, Christopher Farrugia u Ryan Cachia, chairperson Charles Vassallo

- PV Panels (evalwazzjoni għadha mhix magħluqa)
  Francine Farrugia mhix membru fil-bord.
  Enġinieri mill-Water and Energy Authrority, is-Sindku u Ryan Cachia bħala chairperson

Il-Kunsillier Christopher Farrugia staqsa kif il-Kunsilliera Francine Farrugia ma kinetx parti mill-bord tal-imsemmija tenders. Is-Sindku qal li kien hemm bdil fil-bord kif approvat f'Seduta item 461.17.2 fejn minflok Francine Farrugia ġie maħtur il-Kunsillier Charles Vassallo bħala Chairperson peress li t-tender kien taħt id-dekasteru tiegħu.

Is-Sindku preżenta emenda għall-mozzjoni oriġinali.

L-emenda għall-mozzjoni taqra hekk:

**Mozzjoni għal talba ta' Audit Report lndipendenti tal- Finanzi tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi fid-dawl tal- każ ta' Francine Farrugia.**

*Billi Francine Farrugia rriżenjat minn Kunsilliera fil-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi permezz ta' ittra bid-data tas- 7 ta' Awwissu 2025 u li kopja tagħha tinsab mehmuża ma' din il-mozzjoni, u dan wara li tressqet quddiem il-Qorti b'akkuzi serji b'rabta mal-impjieg tagħha mal- MCAST.*

*Billi Francine Farrugia kienet ukoll Kunsilliera fil-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi fil-leġizlatura preċedenti minn Lulju 2019 sa Ġunju 2024 kif ukoll f'dik preżenti li b'bdiet f'Lulju 2024;*

*U billi huwa xieraq u meħtieġ li l-Kunsill Lokali tas- Siġġiewi juri bil-fatti li huwa kontra kull tip u forma ta' abbuż, serq, frodi u nuqqas ta' trasparenza jew kontabilita' fil-ħidma tar-rappreżentanti eletti mill-poplu;*

*Għaldaqstant il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi mlaqqa' llum it-Tnejn 11 ta' Awwissu 2025 jirriżolvi li:*

1. *Jikkundanna kull tip u forma ta' abbuż, serq, frodi u nuqqas ta' trasparenza jew kontabilita' minn dawk fdati biex jirrappreżentaw lir-residenti tas-Siġġiewi u lill-bqija tal-poplu Malti u Għawdxi;*

2. *Jsir audit report indipendenti dwar il-finanzi kollha tal- Kunsill Lokali tas-Siġġiewi li jkun ikopri l-perijodu kollu meta Francine Farrugia serviet bħala Kunsilliera fil-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi u cjoe minn Lulju 2019 sas-7 ta' Awwissu 2025, liema audit report jidentifika ir- responsabbilta' ta' kwalunkwe nuqqas;*

3. *Minnufih jippubblika fl-intier tiegħu I-audit report indipendenti malli dan jiġi ppreżentat lill-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi.*

*Kopja ta' din il-mozzjoni kif approvata għandha tintbagħat lill-mezzi kollha tax-xandir f pajjiżna bħala stqarrija tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi.*

Il-Kunsillier Albert Pace staqsa x'kien ir-rwol ta' Francine Farrugia bħala Kunsillier Lokali fil-leġislatura ta' qabel u jekk kellhiex rwol fl-evalwazzjoni tat-tenders.

Il-Kunsillier Dominic Grech qal li l-allegazzjonijiet jibqgħu allegazzjonijiet sakemm dawn jiġu pruvati u meta tinstab ħatja mill-Qorti ta' Malta. Hu qal li l-mozzjoni oriġinali ma tixħetx dubji fuq l-operat tal-Kunsill in ġenerali, u konxji li l-Kunsilli Lokali jsirilhom audit annwali u indipendenti fejn il-Kunsill japprova r-rapport tal-awditur. Hu qal li l-iskop tal-mozzjoni huwa biex jiġi kjarifikat kull dubju fejn kien hemm l-involviment tal-persuna allegata li kienet parti mill-Kunsill Lokali. Hu qal li dan l-audit ser jipprovdi serħan il-moħħ.

Il-Kunsillier Albert Pace staqsa meta intbagħtet l-ittra tar-riżenja u b'liema mezz intbagħtet u min bagħatha. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li ġiet riċevuta email fuq l-indirizz ġenerali tal-Kunsill, mibgħuta minn Dr. Amy Zahra u l-ittra tar-riżenja mehmuża mal-email, nhar is-7 t'Awwissu 2025 ħin 15:23, kopja ta' liema email ġiet mgħoddija lill-membri tal-Kunsill.

Il-Viċi Sindku u anka l-Kunsillier Charles Vassallo ikkundannaw kull aġir minn kunsillier li kien elett b'fiduċja mill-poplu, anka jekk l-akkużi ma humhiex relatati mall-kunsill lokali, u jaqblu li għandu jkun hemm awditjar biex jitneħħa kull dubju li jista' jtappan l-integrita' tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi.

Is-Sindku talab vot fuq il-mozzjoni kif emendata.
Il-Kunsill unanimament qabel mal-mozzjoni kif emendata.

Il-laqgħa intemmet fil-5.30 pm.

Konfermati, illum 15 ta' Settembru 2025.

| | |
|---|---|
| Julian Borg | Ritienne Giorgino |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |